MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Talba Numru. 1116/2003

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Global Solftware Development Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Gunju, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u dsatax il-lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm619.96) rappresentanti hlas dovut in konnessjoni mas-servizzi telefonici bin-numri 21387026, 21387030, 21387029 u 21381999, liema servizzi gew installati fil-fond bin-numru ufficjali Portomaso Business Tower, level 8, Portomaso Marina, St. Julians skond diversi kontijiet mibghuta u dana kif jirrizulta mid-dokumenti A u B annessi ma'l-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta konvenuta, ingunta in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehitrx la fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u dsatax il-lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm619.96), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------